**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Jannar, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 694/2016 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Act Operators Limited (C-18641)**

**u**

**Travellers Lodge Company Limited (C-12962)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjetà Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm premessi, din il-Qorti ntalbet:

1. Tiddikjara li s-socjetajiet konvenuti qatt ma gew awtorizzati jipprezentaw eccezzjonijiet u kontro-talba bil-beneficcju gratuwitu (*legal aid*).

2. Tiddikjara li konsegwentement ir-risposta guramentata u kontro-talba ipprezentati mis-socjetajiet konvenuti fil-21 ta' Novembru 2016 huma nulli u invalidi fil-ligi.

3. Tordna, in konsegwenza tad-decizjoni fuq it-talbiet precedenti, l-isfilz tal-istess risposta guramentata u kontro-talba tas-socjetajiet kovnenuti ipprezentata fil-21 ta' Novembru 2016 mill-atti ta' din il-kawza.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet Act Operators Limited u Travellers Lodge Limited.

Jirrizulta illi permezz ta' rikors datat 3 ta' Novembru 2016, Antonio Mario Vella talab li jigi ammess ghall-beneficcju gratwitu biex jaghmel risposta fil-kawza 694/16 (din il-kawza), dan tramite l-ufficcju tal-ghajnuna legali, specifikatament bis-servizz tal-Agent Avukat Kap ghall-Ghajnuna Legali Malta. B'digriet li jgib l-istess data din il-Qorti diversament presjeduta, assenjat lilu, l-avukat u l-prokuratur legali li kien imisshom skond it-turn.

Fil-21 ta' Novembru 2016 giet prezentata risposta u kontro-talba f'din il-kawza minn Act Operators Limited u Travellers Lodge Company Limited.

Jirrizulta b'hekk illi Antonio Mario Vella personalment mhuwiex u qatt ma kien parti f'din il-kawza.

L-Art. 926 tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

> *"Kumpanniji reġistrati skont l-Att dwar il-Kumpanniji m'humiex intitolati għall-benefiċċju tal-għajnuna legali."*

L-Art. 922(1) jipprovdi inoltre illi:

> *"Huma nulli l-atti kollha li jiġu ppreżentati mill-parti li tkun qed timxi bil-benefiċċju ta' għajnuna legali jekk dawk l-atti ma jkunux skont it-termini tal-ammissjoni għal dak il-benefiċċju."*

Tenut kont illi talba ghall-ammissjoni ghall-ghajnuna legali saret minn Antonio Mario Vella biss u l-ghajnuna giet akkordata lilu biss u mhux lis-socjetajiet a tenur tal-fuq citat Art. 922(1), hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi r-risposta u l-kontro-talba ma sarux skond it-termini tal-ammissjoni ghall-beneficcju.

Il-Qorti tqis li ma tiswiex ir-risposta tas-socjetajiet intimati illi dawn hallew il-proceduri ghaddejjin bla ma ssollevaw ebda oggezzjoni u hallew isiru atti ohra wara u dan skond ma jipprovdi l-Art. 789(2) tal-Kap. 12. Il-provvediment minnhom citat japplika biss ghal nullità taht l-artikolu 789(1)(c) (vjolazzjoni tal-forma). F'<u>dan</u> il-kaz, in-nullità reklamata ma taqax taht dan il-Kap.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara li s-socjetà konvenuta qatt ma gew awtorizzati jipprezentaw eccezzjonijiet u t-talba bil-beneficcju gratwitu;

2. Tiddikjara li konsegwentement ir-risposta guramentata u t-talba pprezentata fil-21 ta' Novembru 2016 huma nulli u invalidi fil-ligi;

3. Tordna l-isfilz tal-eccezzjonijiet u l-kontro-talba pprezentati fil-21 ta' Novembru 2016 mill-atti tal-kawza;

4. Tiddikjara li s-socjetajiet konvenuti huma fi stat ta' kontumacja.

L-ispejjez ta' dan l-incident jithallsu mis-socjetajiet konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG